MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 1971/1998/1

**Gordon Ellul**

**vs**

**Emanuel Bugeja**

Il-Qorti,

Rat l-avvizipprezentat mill-attur fil-15 ta' Ottubru, 1998, fejn talab lil din il-Qorti illi tikkundanna lill-konvenut illi jhallas lill-attur is-somma ta' tliet mitt lira Maltin (Lm300.00) rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-qtil mill-konvenut tal-kelba tieghu "pointer" f'April, 1998.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 3 ta' Awissu, 1998, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

(1) Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante illi l-konvenut ma huwiex responsabbli ghall-qtil imsemmi, billi huwa ma ghamel xejn minn dak allegat.
(2) B’riserva ghall-eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi rrizulta mill-provi illi fil-25 ta’ April, 1998, l-attur kien qieghed ghall-kacca fl-inhawi tar-razzett tal-konvenut fil-limiti ta’ Wied il-Ghajn. F’xi hin filghodu, l-attur akkumpanjat minn habib tieghu, Sammy Attard kienu mexjin fi sqaq vicin ir-razzett tal-konvenut f’liema sqaq kien hemm papra bajda. Il-kelba ta’ l-attur tal-ghamla German Pointer marret tigri warajha. Ftit sekondi wara jisimghu tliet tiri gejjin mir-razzett tal-konvenut. L-attur dahal fir-razzett u ra lill-konvenut izda dan qallu illi spara fuq tajra safra u nnega li qatel il-kelba. Din in-negazzjoni saret <u>qabel</u> ma nstabet il-kelba. Dak il-hin ix-xatba kienet miftuha. Wara xi ftit l-attur sab il-kelba mejta taht il-haxix f’ghalqa tal-konvenut.

Ghall-habta ta’ l-ghaxra u nofs ta’ filghodu (10:30) l-attur ghamel rapport l-Ghassa tal-Pulizija, liema rapport ittiehed minn PS 831 Lawrence Bordieri (Fol. 29). Hawnhekk il-konvenut ma cahadx izda lanqas ammetta illi huwa spara fuq il-kelba, pero’ ttiehdu proceduri kriminali fil-konfront tieghu, fejn fuq ammissjoni wehel hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25.00), kopja tal-komparixxi tinsab esebita fl-atti a Fol. 33.

Meta l-konvenut xehed quddiem din il-Qorti (Fol. 53) ammetta illi spara tliet tiri, wahda fl-ajru u tnejn fuq il-kelba. Huwa ghamel hekk meta ra lill-kelba qed tahtaf xi tjur illi kien hemm barra l-bitha. Il-konvenut spjega illi ghandu ricint madwar ir-razzett b’hajt gholi madwar tmien

piedi. Kien hemm rixtellu tal-wajer illi kien maghluq. Dawn it-tjur illi allegatament gew attakkati mill-kelba kienu barra 'l-bitha, barra r-rixtellu ta' l-istess bitha.

Xehdet ukoll Annett Borg li hija l-veterinarja fejn ikkonfermat ic- certifikat (Fol 22) fejn inghad illi l-kelba ta' l-attur mietet b'kawza ta' "…*multiple shot wounds*."

Ghal dawk illi huma d-danni, l-attur xehed illi l-kelba kellha biss seba' xhur meta nqatlet. Kien xtrahha mija u hamsin lira Maltin (Lm150), kif jidher mill-VAT *receipt* (Fol 21), u xtara wkoll kwantita' kbira ta' summien sabiex jghallem lill-kelba. Wara li l-kelba mietet dawn is-summien sajjarhom.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali, l-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju illi kien il-konvenut illi spara u qatel il-kelba ta' l-attur. Il-kwistjoni li trid tigi ventilata minn din il-Qorti hija jekk il-konvenut kienx gustifikat illi jaghmel dan l-att kiefer fuq l-annimal illi huwa komunament maghruf bhala 'habib il-bniedem'.

F'kawza <u>Il-Pulizija vs Marianno Sare'</u> (Vol. XXXIX parti 4 pagna 1061) ghad illi l-Qorti kienet qeda tikkunsidra kontravenzjoni, ghamlet riferenza ghal dak illi huwa maghruf bhala *mischievous propensity* "tal-kelb" u qalet, "…f'azzjoni civili ghad-danni, mhijiex eskluza l-possibilita' li fil-konsiderazzjoni tal-kolpa tidhol anki l-endagni ta' dana l-*mischievous propensity* tal-kelb bhala element ta' previdibilita'."

Din id-deskrizzjoni tfisser tendenza lejn il-gwaj tal-kelb x'aktarx b'element ta' vjolenza fejn jista' jkun ta' periklu ghal bniedem u annimali ohra. Ghalhekk dan hu element negattiv li jfisser ergo, li l-posittiv hu present. Bhala annimal domestikat il-presunzjoni hi li mhux ta' periklu anzi, hu ta' beneficcju ghal bniedem fi kwalunkwe qasam tal-hajja kemm bhala kumpanija kif ukoll fix-xoghol u sport. F'dan il-kuntest ghandu d-drittijiet, fost ohrajn, li ma jkunx mahqur propju ghaliex id-domestikazzjoni tieghu tirrikjedi trattament mill-ahjar bazata fuq ir-rabta

inaljenabbli li dejjem twassal biex il-kelb u l-bniedem ifittxu l-kumpanija ta’ xulxin. Fil-fatt, huwa l-bniedem li jonqos versu l-kelb u mhux vici versa. Il-kelb qatt mhu sejjer jabbanduna lil sidu anke meta l-kelb ikun trattat hazin u sakemm ikun rispettat it-teritorju, fejn jirrigwarda l-kelb ta’ l-ghassa, l-bniedem m’ghandu qatt ghaliex jiddubita mil-lejalta u l-ghozza tal-kelb. Hija din il-presunzjoni li l-gurisprudenza tavvanta favur il-kelb u sakemm ma jigix pruvat mod iehor, il-Qorti tassumi li l-kelb hu annimal docli, pacifiku u mhux ta’ hsara la ghal bniedem u lanqas ghall-annimali ohra.

Peress illi huwa l-konvenut li qed javvanta gustifikazzjoni, mill-provi prodotti l-Qorti ma jidhrilhiex li lahaq dik il-grad ta’ prova biex iwarrab din il-presunzjoni kif fuq deskritta. Fi kliem iehor, ma nrexxilux jipprova l-“mischievous propensity” tal-kelb biex jiggustifika li jiehu l-mizura estrema li ha.

L-attur xehed illi din il-kelba kienet ghada zghira u fil-fazi ta’ tghallim. Huwa hadha mieghu ghall-kacca u dina kienet miexja mieghu fl-isqaq. Kien biss wara li rat din il-papra illi l-kelba marret tigri warajha.

Il-Qorti jidhrilha illi din hija rejazzjoni naturali wara illi l-kelba tkun imrawwma proprju ghall-kacca biex tfittex u ssegwi tjur ghal beneficcju ta’ sidha. Kien inevitabbli ghall-kelba li tigri wara din il-papra u minkejja illi l-attur ipprova jsejhilha, t-trawwim, l-istint u l-eta zghira taghha jgieghluha tigri wara din it-tajra akkost ta’ kollox.

Hawnhekk il-Qorti ma tarax *mischievous propensity* fl-annimal. Il-kelba ma kienet qed taghmel xejn ghajr dak illi kienet proprju mrawwma ghalih.

Il-konvenut jaf x’jigifieri, huwa dilettant tal-kacca u gol-bitha ma’ l-annimali l-ohra inkluz tjur, ghandu erbat iklieb tat-tip Alsatian. Ma hemmx dubbju li dawn il-klieb ma kienux ser ihallu lill-kelba ta’ l-attur tidhol fir-ricint illi kieku din ix-xatba kienet miftuha. Izda bhalma gia nghad u kif ammetta l-konvenut, it-tjur illi gew attakkati mill-kelba kienu fuq in-naha ta’ barra tar-ricint accessibbli ghall-

pubbliku fejn il-kelba kellha kull dritt tkun akkumpanjata minn sidha kif kienet.

Minn dawn il-provi ma rrizultax illi din il-kelba ta' l-attur kellha xi "*mischievous propensity*" illi jgieghel lill-sidha jiehu xi mizuri straordinarji biex iwarrab lill-kelba mill-bqija ta' annimali jew nies ohra.

Ghalhekk il-Qorti ma ssib l-ebda gustifikazzjoni min-naha tal-konvenut illi qatel din il-kelba biex jipprotegi xi tjur illi wara kollox kienu hargu mir-ricint protettiv tar-razzett. Jekk kellu xi drittijiet dawn kienu biss kumpens tat-tajra jew tjur maqtula izda zgur, mhux li joqtol il-kelba mbaghad b'tali mod krudili u kiefer.

Il-konvenut kien jaf illi t-tjur kellhom din it-tendenza, minkejja l-hajt gholi xorta kienu kapaci jaqbzu dan il-hajt u jmorru jirghu fl-isqaq u fil-vicinanzi tar-razzett. Veru illi l-konvenut xehed illi dawn it-tjur ma jmorrux fl-ghelieqi tal-madwar, izda jibqghu dejjem fl-inhawi tar-razzett, liema nhawi pero' kienu accessabbli ghall-pubbliku fosthom kaccarturi ohra bil-klieb maghhom. Kienet ferm sfortuna ghall-attur illi dak il-hin kellha tinzerta l-kelba tieghu vicin il-konvenut illi ma hasibhiex darbtejn biex qatilha. Ta' dan il-Qorti ma tara l-ebda gustifikazzjoni, kien att ta' stmerrija u jrid jerfa responsabbilta ta' ghemilu.

Ghal dawk illi huma d-danni, l-attur xehed illi l-kelba xtrahha mija u hamsin lira Maltin (Lm150) u ta' dan esebixxa d-debita rcevuta tal-VAT. Esebixxa wkoll diversi rcevuti ghal kwantita' kbira ta' summien illi huwa xtara sabiex irawwem il-kelba.

Il-Qorti ma jidhirlhiex pero' illi ghas-summien l-attur huwa ntitolat ghal xi kumpens, peress illi kif xehed huwa, wara li mietet il-kelba is-summien sajjarhom u ghalhekk ha beneficcju minnhom. Kwindi ma hemmx danni x'jigu reklamati bit-telf ta' dawn is-summien. Ghalhekk il-Qorti ma jidhirlhiex illi ghandha tilqa t-talba kollha ta' l-attur fis-somma ta' tliet mitt lira (Lm300) peress illi ma gewx ippruvati fl-intier taghhom izda biss in-nofs.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-attur u tikkundanna lill-konvenut illi jhallsu s-somma ta’ mija u hamsin lira Maltin (Lm150.00) rapprezentanti danni sofferti minnu b’konsegwenza tal-qtil mill-konvenut tal-kelba “pointer” f’April, 1998, bl-ispejjez li ghandom jinqasmu, nofs l-attur u nofs il-konvenut.

Anthony Zammit
Deputat Registratur